# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024.**

**Numru 12**

**Rikors numru 750/2016/1 LM**

**Emanuel Cordina**

**v.**

**Paul Vella**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Paul Vella minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Lulju, 2019, li permezz tagħha huwa ġie kkundannat iħallas lill-attur Emanuel Cordina s-somma ta' €23,330.70, bl-imgħax sad-data tal-ħlas kollu, biex tagħmel tajjeb għad-diżabiltà permanenti li l-imsemmi attur instab li ġarrab fl-inċident tal-5 ta' Diċembru, 2013.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-29 ta' Awwissu, 2016, l-attur Emanuel Cordina fisser li fil-5 ta' Diċembru, 2013 huwa kien qiegħed jaħdem fuq sellum fid-dar numru, 103, fi Triq il-Wied ta' Ħal Balzan, Ħal Balzan, meta l-konvenut Paul Vella baqa' dieħel ġo fih u waqqgħu minn fuq is-sellum.

3. L-attur jgħid li b'riżultat ta' din il-waqgħa huwa spiċċa biex ġarrab diżabiltà permanenti, li ma ħallitux jibqa' jaħdem għal rasu u jagħmel it-tip ta' xogħol li kien iwettaq qabel, tant li huwa kellu jsib xogħol differenti b'doveri eħfef u mħallas bil-paga minima. Għad li huwa bagħat lill-konvenut ittra uffiċjali fis-6 ta' Ottubru, 2015 sabiex dan iħallsu għad-danni li wettaqlu, il-konvenut baqa' ma ħallsux. Minħabba f'hekk l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponent;*
>
> *2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimat biex iħallas lill-esponent dik is-somma in linea ta' danni kif tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Ottubru, 2015, u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenut Paul Vella wieġeb fit-23 ta' Settembru, 2019 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati għaliex l-esponent mhux*

*responsabbli għall-inċident aċċidentali li seħħ fil-5 ta' Diċembru, 2013 lill-attur meta dan waqa' minn fuq sellum forċi tal-aluminium, użat għall-faċendi domestiċi, mhux adattat għax-xogħol tal-elettriku li l-attur kien qiegħed jagħmel fil-fond 103, Triq il-Wied ta' Ħal Balzan, u l-waqgħa tal-attur minn fuq is-sellum żgur ma ġratx bi traskuraġni u jew b'negliġenza da parti tal-konvenut.*

*2. Illi l-esponent mhux responsabbli għad-danni allegati mill-attur, li lanqas ma esibixxa r-rapport uffiċjali tal-inċident fuq ix-xogħol, li jistabbilixxi jekk l-attur stess kellux ħtija, jew parti mill-ħtija għall-inċident, jew kienx hemm nuqqas ta' osservanza tal-miżuri prekawzjonali għan-natura tax-xogħol li l-attur kien qiegħed jagħmel fil-5 ta' Diċembru, 2013.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. B'sentenza finali mogħtija fl-10 ta' Lulju, 2019, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi sabet lill-konvenut ħati tad-danni li ġarrab l-attur dakinhar tal-5 ta' Diċembru, 2015 u b'hekk ordnat lill-attur sabiex iħallas lill-konvenut is-somma ta' €23,330.70, bl-ispejjeż legali u bl-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas effettiv.

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

*«L-azzjoni odjerna hija essenzjalment kawża għad-danni allegatament subiti mill-attur konsegwenza ta' inċident li seħħ waqt li hu kien qiegħed jagħmel xogħol ta' tibdil ta' sensor ma' bozza ta' barra fir-residenza privata tal-Perit Albert Fenech, li tinsab ġewwa Ħal Balzan. L-inċident seħħ meta waqt li l-attur kien bilwieqfa fuq sellum jagħmel ix-xogħol li tqabbad jagħmel mill-istess perit, dan waqa' bis-sellum b'kollox wara li mir-residenza tal-perit ħareġ il-konvenut, għadda minn maġenbu, u għal xi raġuni dan allegatament laqat is-sellum. L-attur jgħid li konsegwenza ta' din il-waqgħa huwa sofra minn debilità permanenti, tant hu hekk li llum m'għadux jista' jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel qabel, b'telf ta' qligħ sostanzjali għalih u għall-familja tiegħu, u dan l-inċident wassal biex il-familja tal-attur għaddiet minn żmien ta' ansjetà u ta' instabbilità finanzjarja.*

*Il-konvenut min-naħa tiegħu eċċepixxa li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li hu bl-ebda mod m'għandu jinstab li kien responsabbli għall-waqgħa tal-attur, li l-konvenut isostni li ġrat minħabba li s-sellum*

*użat ma kienx adegwat għax-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur, u għalhekk dan l-inċident seħħ unikament minħabba nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-attur f'xogħlu.*

*...*

*Il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa l-evidenza ppreżentata mill-partijiet sabiex tiddetermina jekk da parti tal-konvenut hemmx responsabbilità x'tinġarr għad-danni sofferti mill-attur. Mhux ikkontestat li fil-ħin meta l-attur waqa' minn fuq is-sellum inkwistjoni, fuq il-post tal-inċident kien hemm tliet persuni, l-attur, il-konvenut u l-Perit Fenech, u b'xi mod dawn kollha kienu xhieda okulari ta' dak li seħħ dakinhar. Minkejja dan, il-verżjonijiet li dawn taw huma kunfliġġenti, bl-attur u l-Perit Fenech jgħidu li kien il-konvenut li laqat lill-attur, anki jekk mhux apposta, huwa u ħiereġ mid-dar tal-Perit Fenech, u bil-konvenut għall-kuntrarju jgħid li biex ikellem lill-Perit Fenech fil-ħin meta waqa' l-attur minn fuq is-sellum, huwa lanqas biss kellu jidħol fit-tieni landing tad-dar tal-Perit Fenech, u għalhekk ma kienx daqstant viċin fejn kien qiegħed jaħdem l-attur li seta' b'xi mod jolqtu. Quddiem verżjonijiet kunfliġġenti, il-Qorti sejra tapplika t-test tal-verosimiljanza sabiex tistabbilixxi, fuq bażi ta' probabbiltajiet, min aktarx li qiegħed jgħid il-verità dwar dak li verament seħħ dakinhar tal-5 ta' Diċembru, 2013.*

*Mhux ikkontestat li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt li l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq sellum forċi li fetaħ fil-parapett ta' barra tar-residenza tal-Perit Fenech, wara li dan, kif jidher li spiss kien jagħmel, kien qabbdu jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fid-dar tiegħu. Dakinhar l-attur kien qiegħed jibdel sensor imwaħħal ma' fanal li qiegħed fuq barra tad-dar tal-Perit Fenech, u biex jagħmel din il-biċċa xogħol, l-attur għamel użu minn sellum ipprovdut mill-Perit Fenech. L-attur xehed ukoll li dik ma kinitx l-ewwel darba li hu għamel użu minn dak is-sellum, u qabel beda jaħdem ħa l-prekawzjoni li jiftaħ il-locks tas-sellum u li jitfi l-mains tad-dawl. L-attur xehed li kull darba li*
*ra lill-konvenut javviċina d-dar tal-Perit Fenech, hu beda jinżel minn fuq is-sellum sabiex il-konvenut ikun jista' jgħaddi, sakemm f'ħin minnhom il-konvenut ħareġ mid-dar tal-Perit Fenech mingħajr ma talab lill-attur jersaqlu, u dan ħaseb li seta' jgħaddi minn bejn is-sellum fejn kien hemm l-attur qiegħed jaħdem, u l-koxxa tal-bieb. L-attur jgħid li konsegwenza ta' dan il-konvenut laqat lill-attur u waqqgħu minn fuq is-sellum. Jidher li dan kollu ġara f'temp ta' ftit sekondi, bil-partijiet kollha li kienu preżenti fil-ħin tal-inċident jixhdu li lkoll kemm huma baqgħu maħsuda xħin raw lill-attur mal-art. Il-konvenut min-naħa tiegħu baqa' jinsisti li hu ma kienx daqshekk viċin tal-post fejn kien hemm l-attur u minn fejn kien ma setax jolqtu jew b'xi mod jikkawża dan l-inċident. Iżda l-Qorti mhix konvinta li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut għandha mill-verità, speċjalment minħabba li l-konvenut fix-xhieda tiegħu qal li hu u nieżel, l-attur laqtu bis-sellum u weġġgħu fi spalltu. Hu ferm aktar verosimili li l-attur intlaqat mill-konvenut, għax minkejja il-prevedibbilità ta' inċident bħal dan fejn il-konvenut kellu jitħaxken bejn is-sellum u l-koxxa tal-bieb biex jidħol u joħroġ mid-dar tal-Perit Fenech, għal xi raġuni l-konvenut ma ħassx il-*

*ħtieġa li jitlob lill-attur jinżel minn fuq is-sellum bħala prekawzjoni, bil-konsegwenza li seħħ l-inċident. Dan in-nuqqas ta' kalkolu da parti tal-konvenut ma jistax jitqies għajr aġir negliġenti u traskurat min-naħa tiegħu, stante li kien hemm probabbilità kbira li jekk il-konvenut jipprova jgħaddi bil-mod kif għadda biex jidħol jew joħroġ mid-dar tal-Perit Fenech, kien ser jispiċċa jolqot jew iwaqqa' lill-attur, kif fil-fatt ġara. Il-Perit Fenech fix-xhieda tiegħu qal li l-konvenut tfixkel u kien ser jaqa', bil-konsegwenza li laqat lill-attur. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ai termini tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili tistabbilixxi li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u tqis li dan għandu jwieġeb għad-danni kkaġunati minnu. L-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li persuna għandha titqies li qiegħda fi ħtija jekk ma tużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Peress li tqis li l-inċident inkwistjoni kien wieħed prevedibbli u seta' jiġi evitat li kieku l-konvenut uża l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja u mhux jgħaddi bil-mod kif ipprova jgħaddi waqt li s-sellum li kien qiegħed jaħdem fuqu l-attur kien qiegħed jostakola d-daħla tad-dar tal-Perit Fenech, il-Qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-konvenut għandu jwieġeb għall-ħsara kkaġunata lill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.*

*Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar min għandu jġorr responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.*

*Damnum emergens:*

*L-attur esibixxa għadd ta' rċevuti li juru x'danni materjali ġew sofferti minnu konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, fosthom irċevuti għal kura li rċieva fi sptar privat[1]; spejjeż inkorsi għal sessjonijiet ta' terapija ma' fiżjoterapista privat[2]; ħlas tar-rapport mediku li ħejja Mr Thomas Azzopardi[3]; kif ukoll spejjeż għal trattament alternattiv[4]. It-total ta' dawn l-ispejjeż huwa ta' €560, li l-Qorti qiegħda tikkomputa bħala danni materjali sofferti mill-attur.*

*Lucrum Cessans:*

*L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:*

> *«Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib.»*

[1] *A fol. 87, 88, 89 u 90 tal-proċess.*
[2] *A fol. 91 tal-proċess.*
[3] *A fol. 91 tal-proċess.*
[4] *A fol. 91 tal-proċess.*

*F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini v. Antoine Cachia**[5], il-Qorti qalet:*

> *«Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant.»*

*Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono v. Malta Drydocks**[6], il-Qorti qalet illi:*

> *«Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, varjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kundizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.»*

*Il-multiplier huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' 32 sena, li hija l-età li kellu l-attur fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-multiplier għandu jkun ta' 25, kif ġie stabbilit mill-Qrati tagħna b'mod ġenerali f'diversi sentenza li ngħataw tul is-snin. F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et v. Edward Restall et**[7], il-Qorti qalet:*

> *«Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler v. Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża ntqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqslikieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.*
>
> *...*
>
> *Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' Butler v. Heard, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans'*

---

5 *P.A., 18.02.2013.*
6 *P.A., 27.04.2005.*
7 *P.A., 10.05.2005.*

> *jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu.»*

*Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku ex-parte Mr Thomas Azzopardi li eżamina lill-attur wara l-inċident, li dan baqa' jsofri minn debilità permanenti ta' għaxra fil-mija (10%) konsegwenza ta' dak li ġara. Minkejja li Mr John Casalletto, it-tabib li kellu jagħmel l-artroscopy fuq l-attur, xehed li qabel issir din il-proċedura, hu ma jistax jgħid biċ-ċert li l-attur ser jibqa' jbati minn xi forma ta' debilità permanenti, il-fatt li wara sitt snin minn mindu seħħ l-inċident, skont kif xehdu diversi esperti mediċi li lkoll qalu li ser ikun diffiċli ħafna għall-attur li jirkupra l-moviment ta' idu, u l-fatt li l-fiżjoterapista Melchior Refalo xehed ukoll li minkejja diversi sessjonijiet ta' terapija, l-attur baqa' ma wera l-ebda progress, il-Qorti ser tkun qiegħda tadotta rata ta' diżabilità permanenti ta' 10% kif stabbilita mill-espert mediku Mr Thomas Azzopardi. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma għamilx talba għall-ħatra ta' espert mediku ġudizzjarju sabiex jikkonferma jew le ir-rata ta' diżabilità permanenti li wasal għaliha Mr Thomas Azzopardi.*

*Jirriżulta mill-provi li fis-sena immedjatament qabel l-inċident, l-attur kellu dħul gross ta' €11,861.46, li minnhom iridu jitnaqqsu t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, sabiex b'hekk qiegħed jiġi stabbilit li d-dħul nett tal-attur għas-sena 2012 kien ta' €10,165.49. Dan is-salarju jrid jiġi aġġustat għall-għoli tal-ħajja[8] għall-perijodu kollu tal-multiplier, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li abbażi tiegħu ser tkun qiegħda tagħmel il-komputazzjoni tagħha l-Qorti huwa ta' €10,165.49 + €12,605.21 / 2 = €11,385.35.*

*L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (lump sum payment). Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dawn l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'dawk il-każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata l-kawża u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016, u ser tinqata' ftit anqas minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm xi delungar minn xi parti jew oħra.*

*Is-salarju medju ta' €11,385.35 x multiplier ta' 25, x 10% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwassal għal ċifra ta' €28,463.37 li meta tiġi ridotta b'20% (lump sum payment), tiġi €22,770.70 (tnejn u għoxrin elf, seba' mija u sebgħin ewro u sebgħin ċenteżmu). Dan huwa l-lucrum cessans li ser jiġi likwidat mill-Qorti u li għandu jitħallas lill-attur flimkien*

---

8 *F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet* **Joseph Galea v. Charles Fenech pro et noe**, *il-Qorti qalet illi: «[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier.» Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.*

*mas-somma ta' €560 bħala danni materjali sofferti minnu, li jwasslu għaċ-ċifra totali ta' tlieta u għoxrin elf, tliet mija u tletin Euro u sebgħin ċenteżmu (€23,330.70).»*

7. Il-konvenut Paul Vella appella minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fid-29 ta' Lulju, 2019 u talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok issib li huwa ma jaħti xejn għad-danni li ġarrab l-attur. Alternattivament huwa talab lil din il-Qorti sabiex timmodifika s-sentenza appellata billi almenu tiddeċiedi li l-attur Emanuel Cordina u l-Perit Albert Fenech ikkontribwew għall-inċident tal-5 ta' Diċembru, 2013 f'sehem ta' terz kull wieħed u għalhekk tirrifoma s-sentenza appellata kemm fl-ammont ta' danni li huwa għandu jħallas lill-attur, kif ukoll fil-kap tal-ispejjeż.

8. L-attur Emanuel Cordina wieġeb fit-13 ta' Awwissu, 2019 u ta r-raġunijiet tiegħu għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Inżamm smigħ fit-18 ta' Jannar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. L-appell li għandha quddiemha din il-Qorti huwa dwar min għandu jġorr ir-responsabbiltà għall-inċident li seħħ nhar il-5 ta' Diċembru, 2013, meta l-attur waqa' min fuq is-sellum u weġġa' spalltu u l-polz ta' idejh,

waqt li huwa kien qiegħed ibiddel is-sensur ta' fanal tad-dawl, li kien jinsab fil-bieb ta' barra tar-residenza privata tal-Perit Albert Fenech.

11. L-Ewwel Qorti sabet li l-inċident ġara tort tal-konvenut għaliex kienet konvinta li l-konvenut laqat is-sellum meta kien qiegħed jitħaxken bejn is-sellum u l-koxxa tal-bieb biex jidħol u joħroġ mir-residenza tal-Perit Albert Fenech u minħabba f'hekk il-konvenut spiċċa biex għeleb lill-attur minn fuq is-sellum.

12. Fl-appell tiegħu l-konvenut appellant jikkritika bl-aħrax din id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex skont l-interpretazzjoni tiegħu tal-provi li ġew imressqa waqt il-kawża, il-konklużjoni aħħarija li kellha tasal għaliha l-Ewwel Qorti kellha tkun li l-konvenut ma kien jaħti xejn għal dan l-inċident. Bħala pożizzjoni ta' riżerva iżda l-konvenut jisħaq li anke jekk stess kien hemm xi forma ta' ħtija min-naħa tiegħu, din fiż-żgur ma kellhiex tkun ta' aktar minn sehem ta' wieħed minn tlieta (1/3) għaliex fil-fehma tiegħu l-attur Emanuel Cordina u l-Perit Albert Fenech ikkontribwew huma wkoll għall-inċident, fi grad ta' terz kull wieħed.

13. Jekk wieħed jiġbor l-argumenti kollha mressqa mill-konvenut appellant mifruxa fuq rikors ta' tnax-il paġna, wieħed isib li l-konvenut qiegħed bejn wieħed u ieħor isostni li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin tal-fatti minħabba dawn ir-raġunijiet li ġejjin: (i) li l-Ewwel Qorti messha

qagħdet fuq ix-xhieda tiegħu, li kienet dejjem waħda konsistenti, kemm fl-affidavit tiegħu, kif ukoll fil-kontroeżami tiegħu u mhux straħet fuq il-verżjoni kunfliġġenti tal-attur u tal-Perit Albert Fenech, li kellhom interess li jixħtu l-ħtija tal-inċident fuq il-konvenut biex jgħattu xturhom; (ii) li l-attur ħawwad fix-xhieda tiegħu meta l-ewwel qal li huwa jaħdem ta' bajjad, imma mbagħad qal li huwa kien qiegħed jagħmel xogħol fid-dawl; (iii) li l-attur ma kienx kwalifikat fix-xogħol tad-dawl li kien qiegħed jagħmel; (iv) li l-attur xehed li huwa ra lill-konvenut mifxul u aġitat, filwaqt li l-Perit Albert Fenech xehed li mhux veru li l-konvenut kien jinsab f'dak l-istat meta ġie biex ikellmu; (v) li l-attur filli qal li ra lill-konvenut jgħaddi bi sbrixx mas-sellum u filli qal li ra lill-konvenut jolqot is-sellum; (vi) li l-attur gideb meta qal li ma setax jaħdem minħabba l-inċident għaliex sadanittant huwa baqa' jsuq il-karozza b'mod manwali; (vii) li minflok uża s-sellum, l-attur messu għamel armar biex jitħarsu l-liġijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; (viii) li l-Perit Albert Fenech kellu jiżgura li ħadd ma jkollu aċċess għad-dar tiegħu, waqt li l-attur kien qiegħed għaddej bil-ħidma tiegħu; (ix) li l-attur ma messux ħalla l-għodda tiegħu jiġru fl-art, waqt li kien qiegħed fuq is-sellum; (x) li l-grad ta' diżabiltà permanenti ta' 10% huwa wieħed azzardat; u (xi) li l-Ewwel Qorti messha qagħdet fuq l-opinjoni medika ta' Mr John Casaletto u mhux fuq l-opinjoni ta' Mr Thomas Azzopardi.

14. Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża u s-sottomissjonijiet

kollha li ressaq il-konvenut fir-rikors tal-appell u jidhrilha li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni t-tajba meta qalet li l-konvenut kien waħdu jaħti għall-inċident li wassal għall-korriment tal-attur.

15. Huwa minnu li l-konvenut appellant semma sensiela sħiħa ta' argumenti fl-appell tiegħu għaliex skontu huwa għandu jiġi meħlus mill-ħtija jew għallinqas biex il-ħtija tal-inċident tiġi maqsuma flimkien mal-attur u mal-Perit Albert Fenech, iżda bir-rispett kollu lejn il-konvenut, l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet indikati minnu ma tipprovdi spjegazzjoni kredibbli ta' kif seħħ l-inċident.

16. Il-Qorti tosserva hawnhekk li ħadd mill-partijiet m'hu qiegħed imeri l-fatt li l-attur waqa' minn fuq is-sellum dakinhar tal-5 ta' Diċembru, 2013. Fejn mhux qegħdin jaqblu bejniethom il-partijiet huwa dwar min għandu jġorr ir-responsabbiltà għal din il-waqgħa.

17. L-attur Emanuel Cordina u l-Perit Albert Fenech taw verżjoni ta' kif skonthom ġara l-inċident u dan billi qalu, bil-ġurament tagħhom, li l-konvenut laqat is-sellum u minħabba f'hekk l-attur spiċċa biex għeleb minn fuq is-sellum. Min-naħa l-oħra għalkemm il-konvenut ħalef li huwa ma messx is-sellum, huwa ma ressaq l-ebda verżjoni plawsibbli li tfisser x'wassal biex l-attur waqa' minn fuq is-sellum. Kemm hu hekk, meta waqt il-kontroeżami tiegħu, l-avukat tal-attur staqsa lill-konvenut biex jispjegalu

kif dan is-sellum waqa' f'salt, il-konvenut wieġeb biss li huwa ma jafx (ara paġna 276 tal-atti tal-kawża). Mitlub jikkonferma mill-Imħallef li kien qed ipoġġi fl-Ewwel Qorti biex jiddikjara jekk jafx kif seħħ l-inċident, il-konvenut tenna li huwa ma kienx jaf (ara paġna 277 tal-atti tal-kawża).

18. F'sitwazzjoni bħal din, fejn għandek lill-attur Emanuel Cordina u lill-Perit Albert Fenech li stqarrew fuq naħa, li l-inċident seħħ tort tal-konvenut li baqa' dieħel fuq is-sellum, filwaqt li għandek lill-konvenut fuq in-naħa l-oħra, li għalkemm qal li huwa ma laqatx is-sellum, però ma qalx kif u għaliex waqa' s-sellum, din il-Qorti ma tistax tlum lill-Ewwel Qorti talli qagħdet fuq il-verżjoni tal-attur u tal-Perit Albert Fenech.

19. Tajjeb jew ħażin, irriżulta ppruvat li l-attur waqa' minn fuq is-sellum forċi. Xi ħaġa ġara biex wassal lill-attur jaqa' minn fuq is-sellum u l-unika verżjoni plawsibbli li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, li tispjega kif l-attur waqa' minn fuq is-sellum kienet dik li ngħatat mill-attur u mill-Perit Albert Fenech, jiġifieri li l-konvenut laqat is-sellum b'guffaġni u b'negliġenza. Is-sempliċi ċaħda tal-konvenut li laqat is-sellum, akkumpanjata mal-istqarrija daqstant sempliċistika tiegħu li huwa ma jafx għaliex l-attur waqa' minn fuq is-sellum ma tantx jistgħu jkunu ta' wens għall-pożizzjoni tiegħu.

20. Wieħed ma jridx jinsa hawnhekk li l-grad ta' prova mitlub fil-qasam

ċivili huwa dak li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant, li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li jkun qiegħed jiġi mixli bih. Mhux meħtieġ għalhekk li tinġieb prova tal-ħtija tal-konvenut mingħajr dubju raġonevoli bħalma huwa mitlub fil-qasam kriminali. Din iċ-ċertezza morali mitluba f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ ta' probabbiltajiet (ara ***Moviment Azzjoni Soċjali v. Noel Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2014).

21. Ifisser dan kollu, li jekk meta l-ġudikant jifli u jqis il-provi mressqa quddiemu, huwa jħoss u jemmen li l-każ tal-attur aktarx ġara kif jgħid l-attur, allura dan huwa biżżejjed. Però din il-verżjoni tal-attur ma tridx tkun waħda mistħajla jew sempliċi possibiltà. Tassew id-domanda li għandu jagħmel il-ġudikant m'għandhiex tkun: «*jista' jkun li ġara hekk*?»; iżda d-domanda li jrid jistaqsi lilu nnifsu għandha tkun: «*x'aktarx u probabbilment hekk ġara?*» (ara ***Raymond Falzon v. Alfred Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar, 1991).

22. Sewwasew fil-każ tal-lum, din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mal-Ewwel Qorti li aktar iva milli le, l-attur waqa' minn fuq is-sellum għaliex is-sellum intlaqat mill-konvenut. Dan qiegħed jingħad mhux biss għaliex din il-Qorti qiegħda toqgħod fuq ix-xhieda tal-attur u tal-Perit Albert Fenech, li t-tnejn ikkonfermaw li l-konvenut laqat is-sellum, iżda anke għaliex għalkemm il-konvenut jiċħad li huwa mess is-sellum, madankollu l-istess

konvenut jistqarr waqt il-kontroeżami tiegħu li s-sellum ħabat miegħu, wara li l-attur waqa' minn fuqu (ara paġna 378 tal-atti tal-kawża). Il-fatt għalhekk li l-konvenut intlaqat mis-sellum wara ċ-ċaqliq tiegħu, juri li huwa kien qrib tas-sellum meta sar l-inċident għaliex kieku ma kienx viċin tiegħu s-sellum ma kienx jolqtu.

23. Jekk ma' dan il-fatt li l-konvenut kien qrib tas-sellum fil-ħin tal-inċident, imbagħad wieħed iqis ukoll il-fatt li l-konvenut stess jistqarr fl-affidavit tiegħu li huwa ġa kien ħareġ 'il barra mid-dar tal-Perit Albert Fenech għaliex qal li kien hemm spazju biżżejjed bejn is-sellum u l-koxxa tal-ħajt biex huwa joħroġ mingħajr ma jmiss mas-sellum (ara paġna 205 tal-atti tal-kawża), allura din il-Qorti ma tarahiex wisq bi kbira li meta l-konvenut reġa' mar lura biex ikellem lill-Perit Albert Fenech minħabba li jgħid li kien nesa jgħidlu xi ħaġa oħra (erġa' ara l-affidavit tal-konvenut f'paġna 205 tal-atti tal-kawża), il-konvenut reġa' pprova jgħaddi minn bejn is-sellum u l-koxxa tal-ħajt kif għamel qabel, iżda din id-darba huwa laqat is-sellum, bir-riżultat li spiċċa biex waqqa' lill-attur li dak il-ħin inzerta kien bilwieqfa fuqu.

24. F'din il-qagħda l-konvenut appellant ma jistax jistrieħ fuq l-argument li l-attur u l-Perit Albert Fenech xehdu kif xehdu għaliex dawn kellhom interess li jixhdu hekk. Dan għaliex daqskemm l-attur u l-Perit Fenech seta' kellhom interess fl-eżitu ta' din il-kawża, daqstant ieħor kellu

interess f'dan l-eżitu l-konvenut. Fuq kollox, huwa magħruf li meta l-ġudikant jasal biex jiddeċiedi l-kawża, huwa għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi li jkunu jinsabu fl-atti, iqis dawk il-provi li huma l-aktar ta' min joqgħod fuqhom sabiex jasal għall-konvinċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' wħud u jwarrab oħrajn, u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċerti provi, aktar milli oħra (ara ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċrmbru, 2021).

25. Sfiq ma' dan, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li l-Imħallef li kiteb is-sentenza appellata seta' josserva kontinwament matul il-ġbir tal-provi l-imġiba tal-attur, tal-konvenut u tal-Perit Albert Fenech, waqt li huma kienu qegħdin jixhdu quddiemu. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Victor Borg Barthet v. Carnik Construction Limited*** deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2008, huwa magħruf illi l-imġiba ta' xhud waqt li huwa jkun qiegħed jixhed, jista' jagħti ħjiel tajjeb ħafna lill-ġudikant attent u tal-esperjenza dwar il-verità jew le ta' dak li l-istess xhud ikun qiegħed jgħid. Dana l-aspett diffiċilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xhieda iżda ġudikant ta' esperjenza, li jkun qiegħed jisma' xhud, ġeneralment ikun għassa għall-*body language* tax-xhud, bħal eżitazzjonijiet fil-vuċi tiegħu, l-espressjoni ta' għajnejh u movimenti li jkun qiegħed jagħmel waqt li jixhed u ċirkostanzi oħra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xhieda, liema indikazzjonijiet jgħinu ħafna lill-ġudikant biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu

dwar il-verità jew le ta' dik ix-xhieda.

26. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, l-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata li hi ma kinitx konvinta li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut, li ma laqatx is-sellum għandha mis-sewwa, speċjalment minħabba li l-konvenut fix-xhieda tiegħu qal li hu u nieżel, l-attur laqtu bis-sellum u weġġgħu fi spalltu. L-istess l-Ewwel Qorti kompliet tgħid li għaliha hija ferm aktar verosimili li l-attur intlaqat mill-konvenut, għax minkejja l-basra ta' inċident bħal dan, fejn il-konvenut kellu jitħaxken bejn is-sellum u l-koxxa tal-bieb biex jidħol u joħroġ mid-dar tal-Perit Fenech, għal xi raġuni l-konvenut ma ħassx il-ħtieġa li jitlob lill-attur jinżel minn fuq is-sellum bħala prekawzjoni, bil-konsegwenza li seħħ l-inċident.

27. Għar-raġunijiet ġa fuq imsemmija, din il-Qorti tal-Appell ma tara xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti qagħdet aktar fuq il-verżjoni tal-attur u tal-Perit Albert Fenech milli fuq il-verżjoni tal-konvenut appellant. Ma ninsewx ukoll, li l-konvenut appellant qal li huwa ma jafx għaliex u kif l-attur waqa' mis-sellum. Għalhekk meta wieħed iqis li s-sellum iċċaqlaq fil-mument eżatt li l-konvenut reġa' mar lura biex ikellem lill-Perit Albert Fenech, din il-Qorti bħal dik ta' qabilha hija moralment konvinta li l-inċident ġara għaliex is-sellum intlaqat mill-konvenut appellant.

28. L-argumenti kollha li l-konvenut appellant qanqal fir-rikors tal-appell

u l-inkonsistenzi kollha li huwa jgħid li hemm bejn il-verżjonijiet tal-attur u tal-Perit Albert Fenech huma biss tentattivi fqar ħafna biex jerħilu jsib xi ħaġa ma xiex jiggranfa biex jipprova jinħeles mill-ħtija tal-inċident.

29. Hekk pereżempju l-Qorti ma tara l-ebda kunflitt fil-fatt li l-attur, l-ewwel qal li huwa jagħmel xogħol ta' bajjad u mbagħad qal li huwa kien qiegħed ibiddel is-sensur tal-fanal tad-dawl tal-bieb ta' barra tal-Perit Albert Fenech. Huwa ċar f'għajnejn il-Qorti li l-attur kien jagħmel xogħol ta' *handyman*, li kien jinvolvi kemm xogħol ta' tibjid, kif ukoll xogħol ta' tibdil ta' bozoz u ta' sensuri tad-dawl. F'kull każ, din il-Qorti ma tifhimx kif dan l-argument jista' b'xi mod iwaqqa' l-kredibbiltà tal-attur.

30. L-istess jgħodd għall-argument tal-konvenut appellant meta jgħid li l-attur xehed li huwa rah mifxul u aġitat meta ġie jkellem lill-Perit Albert Fenech, filwaqt li l-Perit Fenech qal li l-konvenut ma kienx f'dak l-istat meta ġie biex ikellmu. Imbilli l-attur u l-Perit Fenech interpretaw b'mod differenti kif kienet l-imġiba tal-konvenut dakinhar tal-inċident, b'daqshekk dan ma jfissirx li allura dawn ma jistgħux jitwemmnu dwar kif sar l-inċident. Mhijiex xi ħaġa barra minn din id-dinja li żewġ persuni jinterpretaw b'mod differenti l-imġiba ta' xi ħadd. Dak li jiswa huwa li f'dan il-każ, l-attur u l-Perit Albert Fenech it-tnejn qablu u kienu konsistenti dwar x'wassal biex l-attur jaqa' min fuq is-sellum. Fil-fehma tal-Qorti, b'argument bħal dan, il-konvenut appellant qiegħed biss jipprova jsib ix-

xagħra fl-għaġina biex jipprova jfarfar ir-responsabbilità tal-inċident minn fuq spallejh.

31. Hekk ukoll huwa evidenti li l-konvenut qiegħed jipprova jfettaq bla bżonn meta jargumenta li l-attur ma kienx kwalifikat biex jagħmel dak ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel fil-ħin tal-inċident. Minbarra l-fatt li ma tressqet l-ebda prova li hemm bżonn ta' xi kwalifika jew ta' xi liċenzja partikolari sabiex wieħed jista' jbiddel sensur ta' fanal tad-dawl, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti ma tarax kif in-nuqqas ta' kwalifika tal-attur b'xi mod timpinġi fuq ir-raġuni għaliex l-attur waqa' minn fuq is-sellum.

32. Din il-Qorti lanqas ma tqis bħala fejjieda s-sottomissjoni tal-konvenut appellant fejn qed jgħid li hemm inkonsistenzi bejn dak li l-attur qal fit-tieni paragrafu fit-tieni paġna tal-affidavit tiegħu meta stqarr li l-konvenut għadda bi sbrixx mas-sellum u għotor miegħu (ara paġna 17 tal-atti tal-kawża), ma' dak li qal fil-paragrafu ta' wara, li l-konvenut ħareġ irrankat u mifxul u laqat is-sellum. Jidher li lill-konvenut appellant qed jaħrablu l-fatt li l-kelma «*għotor*» hija mfissra fid-**Dizzjunarju Malti** ta' **Mario Serracino Inglott** (**Ir-Raba' Edizzjoni Aġġornata**) bħala «*ħa pass falz; rifes ħażin; tfixkel fil-mixi, mar minn riġlejh, ħass saqajh iċedu taħtu*». Jiġi b'hekk, li m'hemm l-ebda kunflitt bejn dak li l-attur qal fit-tieni u fit-tielet paragrafu tat-tieni paġna tal-affidavit tiegħu. Fiż-żewġ paragrafi l-attur itenni l-istess ħaġa, *viz*. li l-l-konvenut tfixkel u ħabat mas-sellum.

33. Il-konvenut appellant jgħid ukoll fl-appell tiegħu li l-attur inqabad jigdeb meta qal li huwa ma jista' jagħmel xejn ħlief iwaħħal tikketta fuq ħobża għaliex waqt il-kontroeżami huwa ammetta li huwa jsuq karozza b'mod manwali. Hawnhekk ukoll iżda l-Qorti jkollha tistqarr li hija ma tantx tinsab wisq impressjonata b'din is-sottomissjoni għaliex ma jirriżultax li l-attur qiegħed jallega jew ressaq xi ċertifikat mediku li huwa għandu diżabiltà totali milli juża idejh. Li qal l-attur huwa li ma jistax jinqeda b'idejh kif kien jagħmel qabel l-inċident u li kellu jbiddel in-natura tax-xogħol bi qligħ imnaqqas għaliex idejh ma kinitx ittih li jagħmel xogħol iebes u ta' strapazz.

34. Il-Qorti temmen ukoll li l-konvenut appellant lanqas m'huwa ġustifikat fl-ilment tiegħu li l-attur messu għamel armar u mhux tela' fuq is-sellum biex b'hekk iħares il-liġijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Lil hemm mill-fatt li l-konvenut ma semma l-ebda artikolu speċifiku tal-liġi li suppost kellu jiġi mħares mill-attur, din il-Qorti ma tara xejn irregolari jew irraġonevoli li l-attur jinqeda b'sellum biex ibiddel is-sensur tal-fanal tad-dawl tal-bieb ta' barra.

35. Huwa minnu li armar huwa aktar sigur minn sellum, bħalma huwa veru wkoll li kien ikun ħafna aħjar li kieku dakinhar tal-inċident kien hemm xi ħadd li qiegħed iżomm is-sellum waqt li l-attur kien qiegħed jaħdem. B'danakollu ma ntweriex li l-inċident seħħ għaliex is-sellum ma kienx jiflaħ lill-attur jew għaliex is-sellum ma kienx fi stat ta' tiswija tajba jew għaliex

is-sellum ma kienx adattat biex l-attur ibiddel is-sensur mingħajr periklu. Mod ieħor, l-inċident ġara għaliex il-konvenut laqat is-sellum u biċ-ċaqliq tas-sellum, l-attur tilef il-bilanċ u spiċċa fl-art. Fuq kollox, ma jirriżultax mir-ritratt ta' fejn kien imwaħħal il-fanal tad-dawl (ara paġna 209 tal-atti tal-kawża), li dan kien jinsab f'livell aktar għoli minn sular wieħed jew li x-xogħol tat-tibdil tas-sensur kien wieħed li kien ħa jieħu xi ħafna ħin, u li allura kien jiġġustifika l-użu ta' armar minflok dak ta' sellum.

36. Bl-istess mod, din il-Qorti ma tarax li l-konvenut appellant jista' jsib wisq kenn la fl-argument li l-Perit Albert Fenech kellu jiżgura li ħadd ma jkollu aċċess għad-dar tiegħu, waqt li l-attur kien għaddej bix-xogħol, u lanqas fl-argument l-ieħor li l-istess attur ma messux ħalla l-għodda jiġru fl-art, waqt li kien qiegħed fuq is-sellum. Ibda biex, ladarba x-xogħol kien qiegħed isir f'dar privata allura l-Perit Albert Fenech la kellu bżonn iwaħħal xi tabella biex jindika li kienu għaddejjin xi xogħlijiet u lanqas ma kellu għalfejn jagħlaq l-aċċess għad-dar tiegħu. Dwar l-attur imbagħad, il-Qorti tqis li kien mistenni li huwa sejjer iħalli l-għodda fil-qrib tiegħu biex ikun jista' jużahom. Bil-maqlub, dak li l-Qorti ma kinitx tistenna huwa li minkejja li l-konvenut seta' jara li l-attur kien qiegħed bilwieqfa fuq sellum għaddej b'xogħlu, dan bla ma talab lill-attur biex jinżel minn fuq is-sellum, ipprova jgħaddi mill-ispazju ta' bejn is-sellum u l-koxxa tal-ħajt għaliex ried jerġa' jkellem lill-Perit Albert Fenech dwar xi ħaġa li nesa jgħidlu biha qabel, u spiċċa b'hekk biex laqat is-sellum u għeleb lill-attur li waqa' fl-art. Huwa dan l-aġir tal-konvenut li huwa ħażin u kundannabbli. Il-konvenut

seta' jobsor li huwa seta' jolqot is-sellum u jwaqqa' lill-attur jekk jipprova jgħaddi bejn l-ispazju li kien jifred is-sellum minn mal-koxxa tal-ħajt. Id-diliġenza u l-prudenza kienet titlob li f'sitwazzjoni bħal dik, il-konvenut kellu jew jitlob lill-attur biex jinżel minn fuq is-sellum jew inkella li ma jgħaddix minn dak l-ispazju ta' bejn is-sellum u l-koxxa tal-ħajt.

37. Jgħodd hawnhekk dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Yvonne Cassone pro et noe et v. Alfred Calamatta et noe*** deċiża fid-29 ta' Frar, 2008 fejn ingħad:

> *«li l-ħtija jew kolpa fil-każ ta' fatt li jikkawża l-ħsara, u li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruħha meta wieħed jagħmel att volontarjament, u huwa jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dan l-att, meta huwa seta' jipprevedi dak l-effett dannuż. L-istess tip ta' ħtija tiskatta meta wieħed jonqos li jagħmel xi ħaġa li jkollu d-dmir li jagħmel u b'hekk jikkawża danni lil ħaddieħor, danni li seta' jipprevedi.»*

38. Imxiet tajjeb għalhekk l-Ewwel Qorti meta sabet lill-konvenut ħati tal-inċident li seħħ lill-attur dakinhar tal-5 ta' Diċembru, 2013 u f'dan is-sens għalhekk din il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tbiddel il-konklużjoni milħuqa fis-sentenza appellata.

39. Fl-aħħar nett din il-Qorti ma taqbel xejn mal-konvenut appellant li l-grad ta' diżabiltà permanenti ta' 10% imġarrab mill-attur huwa wieħed azzardat. Biex waslet għal dan il-perċentaġġ l-Ewwel Qorti qagħdet fuq ir-rapport ta' Mr Thomas Azzopardi li eżamina lill-attur wara li seħħ l-inċident (ara r-rapport tiegħu f'paġni 51 sa 53 tal-atti tal-kawża). F'dan ir-rapport tiegħu huwa kiteb hekk:

> *«As a result of the accident Mr Emanuel Cordina experienced physical pain and emotional upset. He underwent a lengthy rehabilitation with regular physiotherapy, but still complained of significant residual symptoms affecting his left upper limb function. His injuries had been managed and treated appropriately.*
>
> *Taking into account the nature of the injuries, I should conclude that Mr Emanuel Cordina will suffer from chronic symptoms due to left wrist post-traumatic stiffness, weakness, and pain and distal radio-ulnar joint dysfunction affecting left hand function. He also had left shoulder pain due to an acromio-clavicular joint injury. He was also at risk of developing late sequelae such as post-traumatic osteoarthritis of the left wrist, which may require further surgery in the future. In my opinion Mr Emanuel Cordina has sustained a* ***permanent disability of 10%.****»*

40. Tassew, m'hemm xejn fil-liġi illi jżomm lill-Qorti milli toqgħod fuq il-fehmiet ta' espert mediku magħżul minn parti. Dan minħabba li hija l-liġi nnifisha li tħalli li, sakemm il-persuna maħtura tkun magħrufa li hija esperta fil-qasam li dwaru turi l-fehmiet tagħha (ara l-**Artikolu 563A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), dawk il-fehmiet jistgħu jitressqu għaliex ma jibqgħux biss argument, iżda jsiru fonti oġġettivi ta' prova (ara ***Euro Finance Corporation Limited v. Fal-Con Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023 u ***John Borg et v. Welcome Auto Dealer Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

41. Huwa veru li Mr John Casaletto, espert fl-idejn li ġie mressaq ukoll mill-attur, xehed li huwa ma kienx f'qagħda li jgħid jekk l-attur kienx ħa jbati minn diżabiltà permanenti (ara paġna 60 tal-atti tal-kawża). B'daqshekk iżda dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma setgħetx toqgħod fuq dak li ċċertifika Mr Thomas Azzopardi. Wara kollox, kif xehed Mr Thomas

Azzopardi (ara paġna 43 tal-atti tal-kawża), speċjalist tal-ortopedija u li jaħdem bħala konsulent fl-isptar *Mater Dei*, huwa kien it-tabib kuranti tal-attur. Għalhekk bħala t-tabib li ħa ħsieb tal-kura tal-attur, il-fehma teknika tiegħu hija waħda li l-Ewwel Qorti setgħet toqgħod fuqha.

42. B'żieda ta' dan, fir-rapport tiegħu Mr John Casaletto jagħraf li l-attur kellu: «*a nasty fracture to his wrist in 2014*»; u li l-għadam tal-polz għaqad: «*with a slightly misshaped and distal radius*.» (ara paġna 61 tal-atti tal-kawża).» Ksur bħal dan iwassal għal funzjoni ħażina u fqira tad-driegħ.

43. Barra minn hekk, din il-Qorti qiegħda tqis ukoll dak li xehdu l-fiżjoterapisti Dr Ray Bezzina u Melchior Refalo.

44. Dr Ray Bezzina (ara l-warrani ta' paġna 63 tal-atti tal-kawża) qal li: «*In-natura ta' injury li kien hemm, involviet li ngħidulha r-wrist movements. Jiġifieri l-articular surface. Hija naqra antipatka għall-fatt illi kważi f'kull każ li jkun hemm minn din il-kwalità ta' injury, dejjem ħa jibqa' xi ftit ta' restrizzjoni. L-injury, għalkemm l-operazzjoni nfisha rnexxiet sa ċertu punt, xorta baqa' involut dak is-surface u once li dak is-surface jkun permanently damaged, allura r-riżultat qatt ma jista' jiġi kompletament lura.*»

45. Min-naħa l-oħra Melchior Refalo (ara l-warrani ta' paġna 73 u l-faċċata ta' paġna 74 tal-atti tal-kawża) qal: «*li l-konsegwenzi li ħalliet hija*

*b'mod pjuttost gravi meta nqisuhom għax l-id hija xi ħaġa funzjonabbli. Issa, jekk kemm inti right handed u kemm jekk inti left handed, ma tagħmilx daqshekk differenza. Hawnhekk qed nitkellmu u nħarsu lejn funzjoni. .... Issa, meta tara lil Mr Cordina fil-preżenti għandu ċertu limitazzjonijiet illi dan, prattikament, qed nitkellmu xi ħaġa on an everyday lifestyle ma jistax jikkowpja*.»

46. Kollox ma' kollox għalhekk din il-Qorti taqsam l-istess fehma tal-Ewwel Qorti li l-attur wera li ġarrab ħsara permanenti fi grad ta' 10%, minħabba tort tal-konvenut u li minħabba f'hekk il-konvenut għandu jħallsu kumpens ta' €23,330.70 b'imgħax li għandu jitlaq mid-data tas-sentenza appellata sal-ħlas effettiv.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenut Paul Vella u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss